BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **05/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **9 ta' Ottubru 2012**

**Mejju 2012**

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'EUR110.8 miljun, jew 1.1%, f'Mejju, biex laħqet EUR10 biljuni (ara Tabella 1). Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir tagħha sena fuq sena aċċellerat għal 6.2% minn 5.5% fix-xahar ta' qabel.[1]

Iż-żieda xahar fuq xahar fil-kontribuzzjoni tal-aggregat monetarju sħiħ seħħet minħabba l-komponent monetarju ristrett (M1), li kiber b'EUR122.5 miljun, jew 2.2%. Din iż-żieda kienet dovuta prinċipalment għad-depożiti *overnight*, li kibru b'EUR109.5 miljuni. Dan irrifletta l-aktar żieda fil-bilanċi miżmuma minn individwi u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Sadattant, l-ammont ta' flus maħruġa żdied b'1.8% mix-xahar ta' qabel. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali fl-M1 irrankat għal 11.4% f'Mejju, minn 7.6% xahar qabel.

Flimkien mal-M1, il-komponent monetarju intermedju (M2) jinkludi d-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas u d-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. F'Mejju, il-volum ta' depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur żdied bi ftit. B'kuntrarju għal dan, id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas ċkienu b' EUR38.1 miljun, jew 1.0%. Dan prinċipalment irrifletta anqas bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro barra Malta. Ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena fil-komponent monetarju intermedju telgħet minn 5.6% f'April għal 6.1% f'Mejju.

Ċaqliq fl-M3 kienu influwenzati wkoll minn żviluppi fit-titoli negozjabbli. Dawn kibru b'EUR20.4 miljun, jew 9.5%, l-aktar minħabba żieda sinifikanti fl-ammont ta' ishma maħruġa mill-fondi tas-suq monetarju f'Malta.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti taż-żona tal-euro kiber b'rata relattivament marġinali ta' 0.1% f'Mejju. Dan kien riżultat ta' tkabbir fil-kreditu lill-gvern ġenerali filwaqt li l-kreditu lil residenti oħra naqas bi ftit.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali kiber b'EUR21.2 miljun, jew 0.5%, wara żieda fl-ammont miżmuma mill-IFM ta' titoli maħruġa minn gvernijiet fiż-żona tal-euro. Għalkemm il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali baqa' kważi l-istess, kien hemm xi tibdil fil-

[1] Il-Bank Ċentrali ta' Malta rriveda l-istatistika monetarja Maltija mix-xahar ta' referenza Ottubru 2011 'il quddiem. B'riżultat ta' dan, il-komponent M3 jeskludi transazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid li ġew immexxija minn kontropartijiet ċentrali. Dawn tal-aħħar ġew ikklassifikati mill-ġdid bħala parti mill-kategorija "il-kontropartijiet l-oħra".

komponenti tiegħu. Filwaqt li kien hemm tnaqqis fl-ammont miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa minn kumpaniji mhux finanzjarji u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u li huma residenti f'pajjiżi oħra fiż-żona tal-euro, dan kien ikkumpensat minn tkabbir fis-self mogħti lill-individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji taż-żona tal-euro.

Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti fiż-żona tal-euro kompliet tbatti għal 7.0% minn 8.0% xahar qabel.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret b'EUR909.9 miljuni, jew 9.7%, f'Mejju, hekk kif l-assi kibru b'rata ħafna aktar imgħaġġla mill-obbligazzjonijiet. Iż-żieda fl-assi seħħet l-aktar minħabba volum akbar ta' dejn maħruġ minn gvernijiet barra ż-żona tal-euro. Sadattant, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet irriflettiet żieda fl-iffinanzjar permezz ta' ftehim għal xiri mill-ġdid flimkien ma' żieda fid-depożiti miżmuma minn residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro.

Il-kategorija "il-kontropartijiet l-oħra", li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b'EUR815.4 miljun, jew 5.4%, f'Mejju minħabba żieda fl-obbligazzjonijiet oħra (netti). Din tal-aħħar irriflettiet l-aktar transazzjonijiet ma' banek oħra fiż-żona tal-euro u kienet parzjalment ikkumpensata minn tnaqqis fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal u fl-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali.

**Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self**

F'Mejju, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin żdiedu b'EUR113.8 miljun, jew 1.3%, mix-xahar ta' qabel (ara Tabella 2). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tad-depożiti totali aċċellerat għal 6.8% minn 4.2% f'April.

Il-komponent *overnight* kiber b'EUR101.6 miljun, jew 2.1%, matul ix-xahar. Dan seħħ prinċipalment minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn individwi u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Id-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas, li huma nklużi fl-M2, ukoll żdiedu f'Mejju, għalkemm b'ammont ferm inqas mid-depożiti *overnight*, f'termini assoluti. Id-depożiti li jimmaturaw sa sentejn jew anqas kibru b'EUR5.7 miljuni. Bħal ma ġara fil-każ tad-depożiti *overnight*, dan irrifletta bilanċi ogħla miżmuma minn individwi u intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek. Sadattant, id-depożiti li jinfdew b'avviż sa tliet xhur jew anqas żdiedu b'EUR6.4 miljuni, l-aktar minħabba li żdiedu l-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Il-kreditu maħruġ minn IFM residenti lil residenti ta' Malta (inkluż il-gvern) kiber b'EUR19.4 miljun, jew 0.2%, f'Mejju. Dan irrifletta żieda fil-kreditu lil residenti barra l-gvern. Kollox ma' kollox, it-tkabbir fil-kreditu annwali naqas b'punt perċentwali minn 6.8% f'April għal 5.8%.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas bi ftit b'EUR0.8 miljuni matul il-perijodu kopert. Dan it-tnaqqis jgħatti fatturi kbar li jikkumpensaw lil xulxin. Filwaqt li l-ammont ta' *bills* tat-Teżor miżmuma minn IFM żdied, il-portafolji tagħhom ta' stokks tal-Gvern ta' Malta naqsu bi kważi l-istess ammont hekk kif id-dejn immatura, filwaqt li s-self mogħti lill-gvern ċentrali naqas. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern naqset għal 9.4% minn 13.7% xahar qabel.

Il-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali kiber b'EUR20.1 miljun, jew 0.2%, minħabba żieda fis-self mogħti lill-individwi (l-aktar għall-iffinanzjar ta' xiri tad-djar) u, fuq livell aktar baxx, lill-kumpaniji. Madankollu, ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena tal-kreditu lil residenti oħra naqset għal 4.8% minn 5.0% f'April.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM Maltin naqsu b'EUR8.1 miljuni, jew 0.1%, f'Mejju, hekk kif żieda konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet barranin kienet akbar minn żieda fl-assi barranin (ara Tabella 2).[2] Din tal-aħħar kienet riżultat ta' żieda sostanzjali fl-ammont ta' titoli tal-gvern barranin miżmuma flimkien ma' żieda fil-volum ta' self mogħti lill-kumpaniji privati mhux finanzjarji residenti barra minn Malta. Min-naħa l-oħra, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet tirrifletti tkabbir fid-depożiti fissi ta' kumpaniji mhux finanzjarji mhux residenti, kumpaniji tal-assigurazzjoni u banek. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir sena fuq sena tal-assi barranin netti rrankat għal 3.6%, minn 2.6% xahar qabel.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti

F'Mejju, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq depożiti inklużi fl-M3 naqset b'żewġ punti bażi mil-livell ta' April biex laħqet 1.09%, filwaqt li l-istess rata fuq is-self naqset b'punt bażi għal 4.69%. Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata tal-imgħax medja mħallsa fuq id-depożiti kienet tliet punti bażi anqas, filwaqt li dik mitluba fuq is-self naqset b'sitt punti.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

[2] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[1][2]

*€ miljuni*

| | Mej-12 | Apr-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mej-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[3]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,742.5** | **5,620.1** | **122.5** | **2.2** | **5,153.6** | **588.9** | **11.4** |
| Flus maħruġa[4] | 719.1 | 706.1 | 13.0 | 1.8 | 676.5 | 42.6 | 6.3 |
| Depożiti *overnight* [5] | 5,023.5 | 4,914.0 | 109.5 | 2.2 | 4,477.1 | 546.4 | 12.2 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **9,741.2** | **9,650.7** | **90.4** | **0.9** | **9,183.7** | **557.4** | **6.1** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,742.5 | 5,620.1 | 122.5 | 2.2 | 5,153.6 | 588.9 | 11.4 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[5] | 137.9 | 131.9 | 6.0 | 4.5 | 129.2 | 8.7 | 6.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[5] | 3,860.8 | 3,898.8 | -38.1 | -1.0 | 3,901.0 | -40.2 | -1.0 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **9,976.4** | **9,865.7** | **110.8** | **1.1** | **9,396.0** | **580.4** | **6.2** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 9,741.2 | 9,650.7 | 90.4 | 0.9 | 9,183.7 | 557.4 | 6.1 |
| Titoli negozjabbli [6] | 235.3 | 214.9 | 20.4 | 9.5 | 212.3 | 23.0 | 10.8 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,737.8** | **15,721.5** | **16.3** | **0.1** | **14,714.8** | **1,023.0** | **7.0** |
| Self lill-gvern ġenerali | 4,265.3 | 4,244.2 | 21.2 | 0.5 | 4,165.8 | 99.6 | 2.4 |
| Self lil setturi oħra | 11,472.4 | 11,477.3 | -4.9 | 0.0 | 10,549.1 | 923.4 | 8.8 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **10,293.8** | **9,383.9** | **909.9** | **9.7** | **7,244.0** | **3,049.8** | **42.1** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 33,606.9 | 31,812.3 | 1,794.6 | 5.6 | 29,738.5 | 3,868.4 | 13.0 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,313.1 | 22,428.4 | 884.7 | 3.9 | 22,494.5 | 818.6 | 3.6 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **16,055.2** | **15,239.8** | **815.4** | **5.4** | **12,562.8** | **3,492.4** | **27.8** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 606.8 | 681.7 | -74.9 | -11.0 | 768.9 | -162.1 | -21.1 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,950.5 | 12,030.5 | -80.0 | -0.7 | 11,472.7 | 477.8 | 4.2 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 3,497.9 | 2,527.6 | 970.3 | 38.4 | 321.2 | 3,176.7 | 989.1 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minhabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Għall-2008, ġew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li għadhom ma ssarrfux. Dan għalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nħarġu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Mej-12 | Apr-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Mej-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,701.6** | **8,587.8** | **113.8** | **1.3** | **8,147.5** | **554.1** | **6.8** |
| Depożiti *overnight* | 4,851.9 | 4,750.3 | 101.6 | 2.1 | 4,330.4 | 521.5 | 12.0 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 137.6 | 131.2 | 6.4 | 4.9 | 128.4 | 9.2 | 7.1 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,712.1 | 3,706.3 | 5.7 | 0.2 | 3,688.6 | 23.4 | 0.6 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,061.9** | **11,042.5** | **19.4** | **0.2** | **10,459.9** | **602.0** | **5.8** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,433.1 | 2,433.9 | -0.8 | 0.0 | 2,224.1 | 209.0 | 9.4 |
| Self lil setturi oħra | 8,628.7 | 8,608.6 | 20.1 | 0.2 | 8,235.8 | 393.0 | 4.8 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,400.1** | **11,408.2** | **-8.1** | **-0.1** | **11,008.6** | **391.5** | **3.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 43,587.8 | 42,048.2 | 1,539.6 | 3.7 | 41,147.6 | 2,440.2 | 5.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 32,187.7 | 30,640.0 | 1,547.7 | 5.1 | 30,138.9 | 2,048.8 | 6.8 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.